**SECONDARY SCHOOL ANNUAL EXAMINATIONS 2003**
Educational Assessment Unit – Education Division

FORM 1 STORJA Hin: siegħa u nofs

Isem: ______________________________ Klassi: _________

## A: Aqta' sing taħt it-tajbin:

1. F'Malta nsemmu ħafna tfal għall-qaddisin. Dan juri li bosta Maltin huma (Nsara, Musulmana, Lhud).
2. F'Għar Dalam sibna fossili ta' (ċriev, qtates, tigri) u ta' annimali oħra.
3. L-ewwel nies ġew Malta minn (Kreta, Sqallija, Franza). Dawn in-nies kienu (Neolitiċi, Franċiżi, Nsara).
4. Sibna l-eqdem fdalijiet ta' griebeġ jew djar żgħar (fi Skorba, fil-Mellieħa, fiż-Żurrieq) li jiġi qrib l-Imġarr.
5. L-ewwel nies li ġew Malta sabu għajnuna kbira (mill-klima, mill-annimali slavaġ, mis-suldati) li kien hawn Malta.
6. (F'Tas-Silġ, F'San Pawl il-Baħar, F'Ħaġar Qim) sibna fdalijiet preistoriċi, Feniċi, Kartaġiniżi, Rumani, Biżantini u Għarab.
7. Ir-Rumani kienu jagħtu qima (lil Alla wieħed, lil ħafna allat, lill-Mara l-Ħoxna) filwaqt li l-Lhud kienu l-ewwel poplu li bdew jaduraw (lil Alla wieħed, lil ħafna allat, lill-Mara l-Ħoxna).
8. L-istorja ta' Malta tibda bil-miġja (tan-Neolitiċi, tal-Feniċi, tal-Għarab).

(1 x 10 = 10marki)

## B: Ikteb fil-kolonna t-tajba:

| | | |
|---|---|---|
| Ħaġar Qim | karozza | dolmen |
| menhir | Ajruplan | Ħalsaflieni |
| telefon | Rumani | Feniċi |
| il-Mara l-Ħoxna | | |

| PREISTORJA | STORJA |
|---|---|
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |

(1 x 10 = 10marki)

## C: **Sib it-tajba**: (*Agħżel il-waħda tajba mill-erbgħa mogħtija*)

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. | *Bini megalitiku*: | | | |
| | ground | skyscraper | tempju | skola |
| 2. | *Post fejn tingħata qima lil Alla wieħed*: | | | |
| | Sinagoga | tempju Ruman | sala | kolossew |
| 3. | *Sibna fdalijiet ta' żmien il-Bronż*: | | | |
| | Mnajdra | Sant' Agata | Borġ in-Nadur | Ġgantija |
| 4. | *Tempju megalitiku*: | | | |
| | Mnajdra | S Pawl Milqgħi | Għar Dalam | Roman Villa |
| 5. | *Fdalijiet tal-Feniċi f 'Malta*: | | | |
| | Oqbra | sinagoga | knisja | moskea |
| 6. | *Kellhom pika kbira mar-Rumani fil-Mediterran*: | | | |
| | Taljani | Griegi | Neolitiċi | Russi |
| 7. | *Sibna fdalijiet ta' banjijiet Rumani*: | | | |
| | Għajn Tuffieħa | Ta' Qali | Kemmuna | Paceville |
| 8. | *ġeneral kbir Ruman*: | | | |
| | Ġulju Ċesri | Qadi | Hannibal | Ruġġieru |
| 9. | *Annimali li sibna l-fossili tagħhom f'Għar Dalam*: | | | |
| | Qtates | klieb | ippopotami | qanfud |
| 10. | *Għandu x'jaqsam ma' l-Għarab meta kienu Malta*: | | | |
| | Qadi | muniċipju | prokuratur | Valletta |

( 1 x 10 = 10 marki)

## D: IMLA L-VOJT BIL-KLIEM MOGĦTI:



| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *Raħal Ġdid* | *jitkellem raġel* | *qima* | *Sancta Sanctorum* | *tal-ħajja* |
| *jidfnu l-mejtin* | *titkellem mara* | *tliet* | *tal-Mara l-Ħoxna* | *oraklu* |

1. F'Ħalsaflieni li jinsab ________________________ sibna bosta għerien, mogħdijiet u ċelel imħaffrin taħt l-art. Dan hu magħruf bħala l-Ipoġew.

2. Ħalsaflieni maqsum fi _________ saffi. Fis-saff ta' fuq nett kienu ______________________, filwaqt li t-2 saff kien għall- _____________ .

3. _________________________ huwa l-isem li nagħtu lill-kamra qaddisa li nsibu hawn. Kamra oħra fejn x'aktarx kienu jmorru jitolbu l-pariri kienet l-____________________________. Hawnhekk insibu li meta _________________________________ il-leħen jirbombja filwaqt li meta _____________________________________ il-leħen ma jirbumbjax.

4. Is-siġra _______________________ huwa titlu li nagħtu lit-tpenġija mas-soqfa ta' dal-post.

5. Sibna statwi __________________________ f'dan il-post preistoriku.

(1 x 10 = 10 marki)

**E**: **SIB L-IŻBALJI. Żball wieħed immarkat bil-lest. B'kollox għandek issib sitt (6) żbalji oħra. Aqta' sing taħthom**.




1. Jisimni Arsenju u noqgħod fi dwejra żgħira qrib Marsaxlokk. Inħobb immur ngħin lil missieri fix-xogħol li jkollu. Biex ikollna x'nieklu, niżirgħu l-għelieqi, inrabbu l-annimali u kuljum immorru għall-kaċċa bis-senter.

2. Aħna t-tfal ma tantx inħobbu noqogħdu ġewwa. Id-dwejra tagħna żgħira wisq u ma tantx għandna fejn niċċaqalqu ġo fiha. Allura ħafna ħin ngħadduh nilagħbu barra. Jiena nħobb nilgħab ħafna b'<u>ajruplan żgħir jaħdem bil-batteriji</u>.

3. Spiss immorru noffru sagrifiċċji lill-allat ta' Ħaġar Qim. Immorru b' tal-linja flok bil-mixi biex ma ndumux.

4. Dis-sena għamlet ħafna xita, allura għandna ħafna frott għall-ikel. Illum smajt fuq ir-radju li Sqallija għamel ħafna maltemp. Lil missieri nisimgħu jgħid li nannuwi kien ġie minn Sqallija.

5. Il-ġimgħa d-dieħla missieri se jeħodna l-knisja l-kbira. Din qiegħda fil-Belt Valletta. Hemmhekk se jkun hemm ċerimonja sabiħa għax il-ġimgħa d-dieħla se niċċelebraw il-Milied.

(1 x 6 = 6marki)

**F:** **QABBEL**: (ikteb numru fil-kaxxi tal-lemin; l-ewwel waħda lesta) (1 x 10 = 10 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Piramidi, Farawni | Titlu li r-Rumani taw lil Malta | |
| 2 | Gaudisium | Jagħmel skavi, tiftix u studju ta'fossili | |
| 3 | Arkeologu | iż-żmien il-ġdid tal-ħaġar | |
| 4 | Neolitiku | Profeta li waqqaf ir-reliġjon Musulmana | |
| 5 | Megalitiku | Ċivilta Eġizzjana | 1 |
| 6 | Hannibal | Għawdex fi żmien ir-Rumani | |
| 7 | Kartaġni | Belt kapitali ta' l-Imperu Biżantin | |
| 8 | Muniċipju | Kienet fejn illum hemm it-Tuneżija | |
| 9 | Kostantinu | Ġeneral kbir Kartaġiniż | |
| 10 | Kostantinopli | Imperatur Ruman li ta l-liberta` lill-Insara | |
| 11 | Muhammad | Mibni b'ġebel kbir | |

## G: WIEĠEB BILLI TAQTA' SING JEW TIMLA L-VOJT:



1. Fl-istampa qed tara (tempju, dar, knisja) ta' żmien il-preistorja. (1)

2. X'tissejjaħ ħaġra twila u għolja bħal dik li tidher fuq iż-żewġ naħat ta' l-istampa? __________________________ (1)

3. X'taħseb li qed jagħmel jew se jagħmel ir-raġel ta' l-istampa? ____________________________________________________________ (2)

4. Fejn sibna fdalijiet ta' bini bħal dan li qed tara fl-istampa? (*Aqta' sing taħt il-postijiet it-tajbin*).

| | | | |
|---|---|---|---|
| Mellieħa | Mġarr | Tarxien | Delimara |
| Għaxaq | Luqa | Gudja | Valletta |

(2)

5. Kif nistgħu nibżgħu għal postijiet bħal dawn? Semmi mqar żewġ modi kif nistgħu nagħmlu dan.

______________________________________________________________

____________________________________________________________ (4)

( 10 marki)

## H: <u>IMLA L-VOJT LI SSIB SKOND IL-MAPPA</u>:

(lewwel waħda mogħtija bħala eżempju)




(a) Ħal Tarxien sibna tempju megalitiku li wara ntuża wkoll għad-dfin min-nies ta' żmien il-Bronż. Fil-mappa dan it-tempju huwa mmarkat bin-numru __4__.

(b) Fejn hemm in-numru 5 fil-mappa, sibna l-fdalijiet ta' żewġ tempji megalitiċi. Dawn qegħdin qrib ir-raħal ______________________ .

(c) F'Għar Dalam qrib Birżebbuġa sibna fossili ta' annimali li llum ma għadhomx jgħixu hawn Malta. Għar Dalam għandu n-numru ______

(d) Fejn hemm in-numru ______ sibna fdalijiet ta' Villa Rumana. Jgħidu li Publiju, il-ħakem Ruman kellu d-dar tiegħu hawn u fiha laqa' lil San Pawl meta dan ġie Malta. Hawnhekk kien jingħasar iż-żebbuġ biex jagħmlu ż-żejt.

(e) F'Tas-Silġ qrib Marsaxlokk sibna fdalijiet importanti ta' żminijiet differenti. Sibna fdalijiet preistoriċi, Feniċi, Kartaġiniżi, Rumani, Biżantini u Għarab. Tas-Silġ fuq il-mappa għandu n-numru ______.

(f) Fejn hemm in-numru ______ sibna fdalijiet ta' Dar Rumana. Fl-istess post wieħed għadu jista' jara xogħol ta' mużajk u bosta fdalijiet oħra ta' żmien ir-Rumani.

(1 x 5 = 5 marki)

# I: **WIEĠEB DAWN IL-MISTOQSIJIET ĠENERALI**:



1. X'nitgħallmu mill-fossili ta' Għar Dalam?
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________ (1)

2. X'differenza tgħaddi bejn **IPOĠEW** u **TEMPJU**? Agħti eżempju ta' tempju u eżempju ta' ipoġew:
______________________________________________
______________________________________________ (2)

3. Ikteb l-isem ta' kif kienet magħrufa Malta fi żmien ir-Rumani?
______________________________ (1)



4. X'kienu l-Gwerer Puniċi?
______________________________
______________________________
______________________________
______________________________(2)

5. Kif nafu li l-Maltin ma sarux Insara kollha mill-ewwel meta ġie San Pawl?
______________________________________________ (2)

6. Fejn jaqbillek tmur biex tara ġabra ta' fdalijiet li ħallew ir-Rumani f'Malta,? ______________________________ (2)

7. Agħti eżempju ta': (a) *sors primarju* ______________________ (2)
(b) *sors sekondarju*: ______________________ (2)

(14-il marka)

**J. IKTEB KOMPONIMENT dwar WIEĦED minn dawn li ġejjin**:

(15-il marka)

1. **IR-RUMANI F'MALTA**: *Għid kif Malta waqgħet f'idejn ir-Rumani, ikteb dwar l-ewwel żmien tal-ħakma Rumana f'Malta u kif Malta bil-mod bdiet tagħmel progress. Semmi xi fdalijiet tar-Rumani f'Malta*.

2. **ID-DĦUL TAL-KRISTJANEŻMU F'MALTA**: *ikteb dwar kif daħlet ir-reliġjon Nisranija f'Malta, min bdieha, min kien jaħkem f'Malta dak iż-żmien*.

3. **IL-GŻEJJER MALTIN TAĦT L-GĦARAB**: *ikteb dwar kif il-Gżejjer Maltin waqgħu taħt idejn l-Għarab. Semmi xi bidliet li ġabu l-Għarab f'Malta. Semmi wkoll xi fdalijiet li għandna ta' l-Għarab meta kienu Malta*.